TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 248/10

**Paul Spiteri**

**vs**

**Hiperformance – Auto Styling**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mija u ħamsa u sittin ewro (€465), rappreżentanti prezz ta' *amplifier* li kien xtara mingħand l-intimat u wara xahrejn inħaraqlu.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub u attendiet għall-ewwel seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *amplifier* tad-ditta Macrom mingħand is-soċjeta' intimata u li kellu sentejn garanzija. Ġara li fi żmien xahrejn dan l-*amplifier* inħaraq u meta mar biex jitlob li jiġi mibdul għax kien kopert bil-garanzija, l-intimat ma riedx ibiddlu u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

L-intimat da parte tiegħu ssottometta illi ma kellux l-opportunita' li jispezzjona u jsewwi dan l-*amplifier* u għalhekk ma setax jikkonkludi jekk kellux xi ħsara estraneja li hija koperta bil-garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li l-intimat m'attendiex għat-tieni seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal ukoll spezzjona l-*amplifier* u jikkonkludi li r-rikorrenti għandu raġun.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mija u tnejn u sebgħin ewro (€372), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**